# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija (Spettur John Spiteri)**

**Vs**

**Alexander Testi**

Illum, 19 ta' Awissu 2017

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Alexander Testi ta' 32 sena, iben Marcello u Genet nee' Orfeo Poggioli, imwieled Rydah, Saudi Arabia, fit-13 ta' April 1985, mingħajr residenza fissa, detentur ta' passaport Taljan (mitluf) AA4496938, fejn ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, bejn Ġunju u Awwissu 2017 b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Xjentement għex għal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' Daniele Di Benedetto
   **Kap. 63 Art. 7 (1) tal-Liġijiet ta' Malta.**

2. Billi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Daniele Di Benedetto il-biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1) ta' Kap 9.

**Art 251B (1) ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Daniele Di Benedetto.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijieta tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi **Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Il-Qorti,

Rat illi l-akkużat ammetta l-akkużi kif redotti. Il-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jirrikonsidra l-ammissjoni u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi reġa' ammetta l-akkużi kif redotti;

Rat l-Artikolu 7 (1) tal-Kap 63, l-Artikoli 251B (1), 222 (1), 339 (D) u 412C tal-Kap 9 u l-Artikolu 4 u 6 tal-Kap 101;

Fehmet iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ u wara li rat ukoll il-gravita' tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, qed issib lill-akkużat ħati u,

**Tikkundannah** piena ta' priġunerija għall-sitt (6) xhur, filwaqt illi a tenur ta' Kap 101 timmultah multa ta' Euro 50.

**Tordna** li a tenur tal-Artikolu 412 (C) sabiex għal perjodu ta' 3 snin ma jikkomunika bl-ebda mod ma' Daniele di Benedetto, filwaqt illi tordna id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-vittma.

**Maġistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**